# Il-Konfraternitajiet fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilika tal-Għarb

**Joseph Galea** MD FRCS

Il-konfraternitajiet lajċi bdew fis-seklu tnax. Bdew bħala għaqdiet li kellhom l-iskop li jxerrdu d-devozzjonijiet popolari tar-reliġjon, jagħtu l-karita' lill-fqar, jagħmlu l-penitenza u jfehmu l-katekeżi lill-poplu. Skont l-importanza tagħhom kien jiffurmaw ruħhom fuq artali fil-knejjes, fil-kappelli jew fl-oratorji. Fl-1562 fis-sezzjoni numru 22 id-dutturi tal-Konċilju ta' Trentu ttrattaw il-fratellanzi. Fid-digriet tal-Konċilju l-konfraternitajiet kellhom jaqgħu taħt il-kappillan u dan ġie nkarigat biex joħloq iktar minnhom fejn ma kienx hemm. Kull konfraternita jrid ikollha rettur u dan għandu ikun il-kappillan u neħħew sitwazzjonijiet fejn ħasbu li jista' jkun hemm eċċessi u devjazzjonijiet. Minħabba f'hekk waqqfu il-pranzijiet u r-rappreżentazzjonijiet tejatrali fl-oratorji li sa dak inhar kien komuni. Ordnaw ukoll li l-fratellanzi joħorġu fil-purċissjonijiet. Il-membri ta' dawn il-fratellanzi kienu jgħinu lil xulxin meta xi membru jkollu bżonn minħabba mard jew faqar. Meta kien imut sieħeb kien isir sawm mil-membri l-oħra, jitħallas quddies għal bżonnijiet ta' ruħu jew ruħha li għalih kienu jattendu l-imsieħba l-oħra u kienu wkoll jakkumpanjawh fil-funeral.



*Il-Medalja tal-Konfraternita tar-Rużarju*

Fl-Għarb jinsabu tliet konfraternitajiet maġġuri; tas-Santissmu Sagrament, tar-Rużarju (tal-Iżurju) u taċ-Ċintura. Il-kongregazzjoni ta' San Ġużepp hija marbuta ma' tar-Rużarju. Kollha ġew iffurmati iktar minn mitt sena wara l-Konċilju ta' Trentu.

## Madonna tar-Rużarju

L-eqdem fratellanza fl-Għarb hija dik tar-Rużarju. Din twaqqfet fit-23 ta' Marzu 1688 fil-knisja parrokkjali l-qadima tal-Virtu (Taż-Żejt) fuq l-artal tar-Rużarju li għadu jinsab fuq in-naħa tal-lemin ta' din il-knisja. Meta nbniet il-knisja l-ġdida, din il-kongregazzjoni ħasbet għall-artal tagħha fit-transett tal-lemin tal-knisja. B'digriet tal-Ġeneral tal-Ordni Dumnikan Andreas Friikwirth tat-23 ta' Frar 1893, din il-konfraternita bdiet tgawdi l-privileġġi tal-Ordni Dumnikan inklużi l-indulġenzi kollha li kienu jagħtu l-papiet. Fl-10 ta' Mejju tal-istess sena, mil-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu, l-provinċjal tad-Dumnikani ta' Malta Patri Vinċenz Schembri u l-pirjol tal-knisja tal-Madonna tal-Għar tar-Rabat, Malta, Patri Beneditt Bonnici taw permess lill-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat li jista' bħala rettur igawdi l-privileġġi kollha li kienu ġew mogħtija mil-Ġeneral tal-Ordni. Dawn il-privileġġi għaddew lill-arċiprieti tal-Għarb li ġew warajh. Fl-14 ta' Mejju mbagħad fil-knisja parrokkjali kolleġġjata tal-Għarb il-Pirjol Bonnici quddiem l-Arċipriet Debrincat għaqqad il-fratellanza tar-Rużarju mal-kongregazzjoni tal-Ordni Dumnikan quddiem ix-xhieda Pawlu Pace u Pawlu Camilleri (Atti tan-Nutar Onorato G. Refalo, 14 ta' Mejju 1893). Għall-okkażjoni kantaw il-Veni Creator quddiem l-artal tar-Rużarju, il-Pirjol Bonnici għamel diskors fuq il-kobor tar-Rużarju Mqaddes minn fuq il-pulptu, kantaw l-antifoni tal-ewwel għasar tar-rużarju u ta' San Duminku u l-Arċipriet qal it-talb tar-rużarju u ta' San Duminku. Fl-aħħar il-pirjol qara d-digriet tat-twaqqif ta' din l-għaqda u r-regoli li jridu jimxu fuqhom l-imsieħba, ġew aċċettati l-imsieħbin ġodda, tbierku l-kuruni li ngħatawlhom, tkanta 'Te Deum' u l-barka sagramentali għalqet il-funzjoni. Wara li spiċċat il-funzjoni ntagħżlu l-uffiċċjali l-ġodda li kellhom imexxu l-għaqda.

Fil-knisja Parrokkjali tal-Għarb hemm żewġ statwi tal-Madonna tar-Rużarju. L-eqdem waħda hija maħduma minn zokk ta' żebbuġa u nħadmet fis-seklu sbatax.
Billi l-istil tagħha jixbaħ lil dak ta' San Pawl tal-Belt jingħad minn xi wħud li tista' tkun xogħol ta' Melkiorre Gafa'. Din l-istatwa kienet tinħareġ fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju fis-7 t'Ottubru u sat-2 ta' Lulju ta' 1853 kienet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-festa titulari tal-Viżitazzjoni. L-istatwa iktar ġdida tal-Madonna tar-Rużarju nħadmet mid-ditta L. Ramat ta' Marsilja u nġiebet Malta fl-1903 fi żmien l-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat. Kienet imħallsa minn ħu l-Arċipriet stess Pawlu Debrincat u swiet tletin lira sterlina. Meta żżanżnet fl-ewwel festa tagħha kienu saru festi speċjali u l-Arċipriet tan-Nadur ta' dak iż-żmien Dun Ġwann Camillieri niseġ il-paniġierku. Il-lanterni tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju nxtraw erba' liri disa' xelini u tmien soldi f' Marzu 1902. Il-flus kienu ngabru mingħand xi parruċċani minn Carmelo Portelli mlaqqam 'tat-Tawru'. Fl-istess sena kienet ġiet

irrestawrata il-medalja tal-fidda ta' din il-fratellanza. Ir-restawr sewa' ħmistax-il-xelin u kien imħallas mil-Kanonku Dun Ġużepp Grech. L-istendard u l-muzzetta ta' din il-konfraternita huma bojod. Is-surġentina turi l-Madonna bil-Bambin u l-kuruna tar-ružarju.

Kienu jorganniżaw u jħallsu għall-festa tat-titular tal-kongregazzjoni kull sena u li għaliha kienu jġibu żewġ konfessuri straordinarji. Fl-ewwel Ħadd ta' Mejju l-istess fratellanza kienet tieħu ħsieb it-tberik taċ-ċentifolji li kien isir mil-arċipriet u tħallas għall-paniġierku tal-okkażjoni. Kienet ukoll tagħmel quddiesa kantata fl-ewwel Ħadd ta' kull xahar u fl-Ottava tal-erwieħ għall-benefatturi. Kull l-ewwel Ħadd tax-xahar wara l-kompieta wieħed mil-membri kien jagħmel diskors biex iħeġġeġ lin-nies tar-raħal fid-devozzjoni lejn ir-ružarju. Minn żminijiet qodma l-konfraternita tal-Madonna tar-Ružarju kienet tagħmel disa' quddisiet (waħda kuljum) fin-Novena tal-Milied quddiem Ġesu' espost sollennement li fihom kienu jsiru taħdidiet f'ġieħ Ġesu' tarbija. Għall-okkażjoni t-tfal tar-raħal kienu jkantaw l-'Ave Maria'.


*Il-Medalja tal-Konfraternita tas-S. Sagrament*

**Santissmu Sagrament**

Il-fratellanza tas-Santissmu Sagrament twaqqfet fuq l-artal maġġur fil-Parroċċa tal-Għarb fl-1763 fi żmien il-kappillan Dun Lawrenz Asciak. Fil-31 ta' Lulju 1787 l-istess kappillan talab lill-Isqof Mons Vincenzo Labini sabiex jgħaqqad din il-konfraternita mal-kongregazzjoni tal-Adorazzjoni (msejjħa wkoll tal-Vjatku) li kienet twaqqfet fl-istess sena mill-istess Isqof Labini. L-isqof laqa' t-talba tal-Kappillan Asciak b'digriet maħruġ mill-palazz tiegħu fis-6 t'Awwissu 1787. Fl-1810, il-fratellanza tas-Sagrament bdiet tħallas nofs l-ispejjeż taċ-Ċena tal-Appostli li ssir f'Ħamis ix-Xirka. Fid-29 ta' Marzu 1909 din l-għaqda ssieħbet mal-Primarja ta' Sant' Andreja u San Klawdju ta' Ruma li kien ilha f'idejn il-qassisin sagramentini (tal-Konfraternita tas-Sagrament Imqaddes) mil-1886 u li jżommu l-espożizzjoni tal-Ewkaristija.

Il-konfraternita tas-Sagrament Imqaddes tagħmel il-festa tal-'Corpus' kull sena. Kull darba li jmut imsieħeb, il-membri tal-fratellanza kienu obbligati li jsumu għal bżonnijiet ta' ruħu/ruħha u jekk ma jifilħux isumu kellhom jgħidu ħmistax-il-posta ružarju għall-istess għan. Il-kulur tal-istendard u tal-muzzetta ta' din l-għaqda huwa l-aħmar. Il-medalja u s-surġentina tal-fratellanza tas-Sagrament inxtraw bi flus miġbura mill-imxierka ta' din l-konfraternita'.

**Madonna taċ-Ċintura**

Fl-1801, l-Arċipriet Dun Ġwann Xuereb, il-kapitlu tal-kolleġġjata, l-kleru u l-poplu tal-Għarb għamlu talba lill-Isqof Vinċenzo Labini sabiex titwaqqaf il-Konfraternita tal-Madonna tal-Konsolazzjoni jew taċ-Ċintura. Fit-23 ta' Novembru tal-1801 l-Isqof inkariga lill-Arċipriet tal-Birgu Dun Ġovanni Battista Delia biex jistudja t-talba u jifli l-istatuti u l-obbligi kollha li kellhom jħarsu u jagħtih parir għandux japprova din l-kongregazzjoni. Sitt ijiem wara l-Arċipriet Delia wieġeb lill-isqof li ma kien hemm ebda tfixkil u t-talba kienet tikkonforma mal-liġijiet tal-knisja. Għalhekk fl-4 ta' Jannar 1802 l-Isqof Labini ħareġ id-digriet tat-twaqqif tagħha. Din il-kongregazzjoni tal-Madonna taċ-Ċintura ssieħbet ma dik ta' Santu Wistin u Santa Monika taħt l-isem tal-Madonna tal-Konsolazzjoni ta' San Ġakbu l-Kbir ta' Bologna kif ukoll ma' dik ta' Santu Wistin ta' Ruma fit-18 ta' Mejju 1802. Il-fratellanza twaqqfet fuq l-artal tal-Madonna tar-Ružarju fil-knisja parrokkjali u kolleġġjata tal-Għarb fis-17 t'Ottubru 1802. Il-festa tagħha ssir l-aħħar Ħadd ta' Settembru.

Il-fratelli kellhom il-muzzetta sewda. Il-medalja tal-fidda ta' din il-Konfraternita saret fl-1809 u swiet 84 skud. L-ewwel li libisha kien Nikola Apap bin Giovanni Andrea Apap. Iżżanżnu serġentina, lasta tal-istendard u l-kruċetta tiegħu kollha tal-fidda fit 12 ta' Marzu 1812. Fis-sena 1923 L-Arċipriet Dun Karm Portelli u l-Kanonku Dun Pawl Formosa għamlu rikors lil Monsinjur Giovanni Maria Camilleri isqof ta'


*Is-Surġentina tal-Fratellanza taċ-Ċintura*




Għawdex biex il-kulur tal-muzzetta u l-istendard jinbidlu minn iswed għal vjola. Din it-talba ġiet milqgħuha fid-9 ta' Ġunju 1923.

L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura inħadmet mil-Imgħallem Ġlormu Darmanin u ġiet imbierka mil-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat f'isem l-Isqof t'Għawdex Mons. Anton Grech Delicata fit-28 t'Awwissu 1869. Kienet mogħtija lill-Kolleġġjata tal-Għarb mis-Sur Ġużeppi Micallef imlaqqam 'Ta' Marċella' mill-Għarb iżda kien joqgħod Malta. Fl-1903 ġiet restawrata u ndurata minn Franġisku Cutajar u swiet sitt liri sterlini.

Il-membri tal-kongregazzjoni taċ-Ċintura kellhom id-dmir li jattendu purċissjoni li kienet issir fir-raba' Ħadd ta' kull xahar wara l-kompieta. L-Arċipriet li kien ir-rettur ta' din il-kongregazzjoni jew xi ħadd li jqabbad hu minfloku kien jagħmel priedka f'din l-okkażjoni sabiex iħeġġeġ in-nies għad-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura. L-imsieħba ta' din l-kongregazzjoni kienu obbligati jagħmlu ġurnata sawm nhar is-Sibt ta' wara li jkun miet membru tal-għaqda u jekk ma jkunux jifilħu jsumu kellhom jgħidu ħmistax il-posta rużarju. Kellhom ukoll jattendu l-funeral u jgħidu ħames posti rużarju għal ruħu fil-kappella tal-konfraternita. Barra minn hekk fuq l-artal tal-istess kappella, l-fratellanza kienet obbligata tagħmel tlett quddisiet b'suffraġju għal ruħu jew ruħha. Fl-Ottava tal-Erwieħ kienet tagħmel anniversarju sollenni għall-erwieħ tal-imsieħba mejtin kollha. L-ewwel prokuratur tagħha kien Il-Kanonku Kantur Dun Ġużepp Caruana. Ta' min jgħid li Ġanni Caruana kien ħadem bi sħiħ biex tidħol din il-konfraternita f'dan ir-raħal. Miet fis-6 t'Ottubru 1811 u jinsab midfun fil-knisja quddiem l-artal tal-Madonna taċ-Ċintura.


L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura xogħol ta' Ġlormu Darmanin 1869

**Il-Kongregazzjoni ta' San Ġużepp**

Il-Kongregazzjoni ta' San Ġużepp hija magħquda ma' dik tal-Madonna tar-Rużarju. Din twaqqfet b'digriet tal-Isqof Pietru Pace li ngħata mill-Palazz tiegħu r-Rabat Għawdex fis-6 ta' Ġunju 1884, fejn, ta l-permess lill-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat biex titwaqqaf din il-kongregazzjoni fil-knisja kolleġġjata tal-Għarb. L-Isqof amar li għandha tibqa' taħt il-ħarsien tal-Arċipriet. Fit-3 ta' Lulju 1884 din il-kongregazzjoni ġiet msieħba mal-arċisodalita' ta' San Ġużepp li hemm fil-knisja ta' San Rokku f'Ruma. Monsinjur Isqof Ġużeppi Pace wara t-talba li saritlu mil-Kanonku Dun Salv Camilleri, prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju ta' l-permess li l-istendard tal-Konfraternita tar-Rużarju ikollu madwaru girlanda ċelesti biex tfakkar lil San Ġużepp. Il-festa bil-purċissjoni kienet issir fis-19 ta' Marzu.

**Il-Kongregazzjoni tal-Agunija tas-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu.**

Fil-Kolleġġjata tal-Għarb kienet teżisti sat-12 t'Awwissu 1927 kongregazzjoni msejjħa 'Ta' l-Agunija tas-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu'. Twaqqfet mil-Isqof Bartilmew Rull fiż-żjara pastorali li għamel fl-Għarb f'Mejju 1760. Għal xi raġuni ma kenitx qed tiffunzjona u reġgħet twaqqfet b'digriet ta' l-Isqof Vinċenzo Labini fiż-żjara pastorali tiegħu fit-3 ta' Mejju 1793. Kienet tagħmel il-festa tal-Invenzjoni tas-Salib Imqaddes fit-3 ta' Mejju u erba' quddisiet kantata fil-ġimgħat tar-Randan. Din il-kongregazzjoni kienet tagħmel tliet sigħat agunija lill-imseħbin u tagħmlilhom quddiesa kantata wara mewthom. Kienet ukoll torganiżża quddiesa kantata għall-membri kollha mejtin fl-Ottava tal-Erwieħ. Meta l-kongregati ma kienux jilħqu l-agunija minħabba mewt għal għarrieda kienu jsirulhom ħames quddisiet letti bħala suffraġju għal ruħhom. Din l-għaqda kienet tħallas il-prietka tat-tliet sigħat tal-Agunija ta' Ġesu li kienet issir fil-knisja kolleġġjata mis-siegħa u nofs sat-tlieta ta' wara nofsinhar nhar il-Ġimgħa l-Kbira li fiha l-predikatur kien jitkellem fuq l-aħħar seba' kelmiet ta' Ġesu fuq is-salib. Il-membri kienu jħallsu darba 5 skudi u 6 tari. Sas-sena 1917 il-prokuratur kien il-Kanonku Dun Franġisk Galea u warajh sar l-Arċipriet Carmelo Portelli.

**Biblijografija:**

- Manuskritt tal-Kanonku Prepostu Dun Salv Camilleri.
- Formosa Patrick. History of Għarb (teżi tal-BA, mhix ippubblikata, 1973).

***Nota: Nixtieq niżżik ħajr lil Matthew Bajada tar-ritratti.***